**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Diċembru 2022**

Rikors Numru: 485/22 AL

A B C

vs

D E F

(M.R. Numru 1918/2011)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata, u cioe' lil D E F fil-Marriage Registry, Valletta, nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet għandhom wild li ggib l-isem ta' G H C u li twieldet fl-ghaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) u li għalhekk ghadha minorenni;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B";

4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l intimata;

5. Illi l-avukat tar-rikorrent ddiskutiet il-possibilta ta' rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru 1 ghajnuna fil-process ta rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin;

6. Illi filfatt ghaddew iktar minn sena mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet, oltre il-fatt li kif tistipula klawzola dsatax (19) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet sucitat, il-partijiet ilhom de facto separati mis-sebgha u ghoxrin (27) t'April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Inoltre, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

7. Illi għaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u għad-divorzju tal-partijiet A B C u D E F;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. TIDDIKJARA z-zwieg tar-rikorrenti ma' D E F mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 t'Ottubru, 2022;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Lulju 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.